# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Kumpless Umberto Calosso

Triq il-Kbira San Ġużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664

E-Mail: santavenera.lc@gov.mt

Web page: http://www.stvenera.gov.mt


6/16

**Minuti tas-sitt laqgħa tas-sittax–il sena tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta 7 ta' Lulju 2009, fis-6pm.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sinjura Elizabeth Vella | - | Sindku |
| | Is-Sur Horace J Anastasi | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Cleaven Christian Bugeja | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Cassar | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |

1.0 <u>Item 1: Talba</u>

1.1 Il-laqgħa infetħet b'talba qasira mis-Sindku.

2.0 <u>Item 2: Qari u approvazzjoni tal-minuti</u>

2.1 Il-minuti tas-16 ta' Ġunju 2009, 18 ta' Ġunju 2009, 19 ta' Ġunju 2009 u 23 ta' Ġunju 2009 ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati kif koreġuti.

*2.2.1 Minuti tas-16 ta' Ġunju 2009*

Minuta 6.1: Il-kelma 'kontravenzjonijiet' tiġi tinqara 'kontradizzjonijiet'

*2.2.2 Minuti tad-19 ta' Ġunju 2009*

Minuta 3.1 l-aħħar paragrafu jiġi jaqra hekk; 'Is-Sur Formosa ippropona sabiex il-Kunsill jaċċetta l-offerta tas-Sur Jonathan Lanzon peress li dejjem qeda dmiru tajjeb. Din il-proposta ġiet sekondata mis-Sur Briffa. Il-Kunsill qabel b'erba voti favur (Is-Sindku u s-Sinjuri Briffa, Camilleri u Formosa) u astensjoni (is-Sur Anastasi).

*2.2.3 Minuti tat-23 ta' Ġunju 2009*

Tiġi ikkoreġuta l-attendenza billi s-Sur Briffa jitniżżel biss bħala skużat.

Minuta 1.1.1: Jinqatgħu l-kliem 'jew paġna A4 ittajpjata'.

Minuta 2.1 l-ewwel sentenza tiġi tinqara; 'Dwar ir-rapport tal-Contracts Manager, is-Sur Anastasi innota li sa jumejn ilu, basket abjad mimli terrapien kien għadu fis-soft area ta' Triq it-Turretta minn l-aħħar laqgħa.'

Minuta 3.1: It-titolu tal-mozzjoni jiġi jinqara biss 'MC bay'

3.0 Item 3: Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti

3.1 *Mill-minuti tas-16 ta' Ġunju 2009*

3.1.1 Minuta 3.1: Is-Sindku infurmat lis-Sur Anastasi li l-Avukat tal-Kunsill xtaq ikellmu nhar l-Erbgħa 15 ta' Lulju 2009 fit-8:30am. Is-Sur Anastasi qal li ma jistax.

3.1.2 Minuta 3.3: Is-Sur Sultana qal li s-soft area tal-passaġġ ta' Triq it-Turretta kien jieħu ħsiebha sid il-ħanut Golden Ham u dan ma avża lil ħadd li ma baqgħax jieħu ħsiebha. Ġara allura li s-soft area sfat abbandunata iżda dan mhux minħabba nuqqas ta' xi kuntrattur partikolari.

Il-Kunsill innota li l-kuntratt jispeċifika 'Open Space in Triq it-Turretta' u allura mhux ċar jekk is-soft area indikata hiex inkluża fil-kuntratt. Lanqas m'hi ċara jekk is-soft area inkwisjoni hiex pubblika, privata jew tad-Dipartiment tad-Djar.

Għalhekk, is-Sur Sultana ippropona sabiex id-default notices lit-tlett kuntartturi jiġu trirati. Din il-proposta ġiet sekondata mis-Sur Formosa. Il-Kunsill qabel b'erba voti favur (is-Sindku u s-Sinjuri Sultana, Bugeja u Formosa), vot wieħed kontra (is-Sur Anastasi) u astensjoni (is-Sur Briffa).

F'dan l-istadju (6:47pm) is-Sur Anastasi talab li jkun skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

3.1.3 Is-Sur Sultana talab li jkun jaf eżatt kemm ittieħdu flus minn dan fond mill-Gvern Ċentrali. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li se jagħtih risposta aktar tard.

3.2 *Mill-minuti tat-19 ta' Ġunju 2009*

3.2.1 Minuta 1.0: Is-Sur Sultana staqsa jekk ir-recorder ġiex revolkat. Is-Sindku qalet li r-recorder tneħħa minn fuq il-mejda.

3.2.2 F'dan l-istadju (7pm) is-Sur Briffa talab li jkun skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

3.3 *Mill-minuti tat-23 ta' Ġunju 2009*

3.3.1 Minuta 1.1.1: Is-Sur Sultana irrifera għall-artiklu ippublikat tas-Sur Anastasi fuq ir-rivista tal-Kunsill u qal li l-artiklu hu kollu fis-singular qisu s-Sur Anastasi biss ħadem għal Santa Venera u jinkludi affarijiet li għadhom ma ġewx diskussi wisq aktar approvati mill-Kunsill bħall bdil ta' isem tat-Trejqa tal-Ferrovija.

3.3.2 Minuta 3.2 u 3.3: Is-Sur Sultana wera d-dispjaċir tiegħu u qal li Romeo Romano kien botaniku popolari ta' dawk iż-żminijiet li kien jifrekwenta l-ġnien. Qal ukoll li l-isem Ġnien Romeo Romano huwa magħruf (landmark) u nistgħu nitilfu l-identita tal-ġnien.

3.3.3 Minuta 4.5: Is-Sur Sultana talab li l-ħsara tiġi rimedjata mis-sid mill-ewwel qabel ma tikber. Il-Kunsill qabel li jikteb lis-sid f'dan is-sens.

Qal ukoll li l-crane l-ieħor (tal-familja l-oħra) ma kellux alternattiva minn fejn jaħdem imma dan seta jaħdem minn Triq l-Imsida.

3.3.4 Minuta 4.6: Fuq mistoqsija tas-Sur Sultana, is-Sindku qalet li ingħatat din l-informazzjoni waqt board meeting iżda għada m'għandiex bill-miktub.

3.3.5 Is-Sindku qalet li l-Kunsill akatrx jingħata l-flus mill-ADT biex jiffinanzja l-bini mill-ġdid ta' parti minn Triq l-Istampaturi.

4.0 Item 4: Korrispomdenza

4.1 Il-Kunsill tratta din il-korrospondenza:

4.1.1 Alphonse Caruana re: Triq il-Lunzjata. Il-Kunsill qabel li jirriferih għax-xogħlijiet deskritti fil-kwotazzjoni tal-perit.

4.1.2 ADT re: Double Yellow Lines fi Triq Salvinu Spiteri. Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.

4.1.3 ADT re: Tneħħija tat-tabelli li jindikaw ebda dawrien minn Triq il-Kbira San Ġużepp għall-Triq Braille u Triq San Pawl u oħrajn minn Trejqa Fleur de Lys għal Triq Fleur de Lys Birkirkara. Il-Kunsill qabel. Is-Sinjuri Sultana u Formosa ma qablux.

Qabel ukoll li titranġa ż-żebgħa skond id-deċiżjoni meħuda.

4.1.4 ADT re: Parkeġġ għall-persuni b'diżabilita fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil B.Grima & Sons Ltd liema xogħol jinkludi tabella.

4.1.5 ADT re: Un/loading bay fi Triq Misraħ il-Barrieri. Il-Kunsill qabel li jikkonsulta r-residenti u l-ħwienet tal-madwar qabel ma jimlimenta. Is-Sur Sultana qal li r-residenti t'hemm diġa' għandhom pjaga bill-LiDL allura astjena.

4.1.6 JD Diaries. Il-Kunsill qabel li jixtri bl-istess ammont tas-sena l-oħra imma jenfasizza aktar fuq id-djarji l-kbar.

4.1.7 Soċjeta Filarmonika Santa Venera re: Kunċert Jum Santa Venera. Is-Sindku indikat li l-ispiża hi ta' madwar €1500. Il-Kunsill qabel li jorganizza biss dan il-kunċert jekk jinstab sponsor.

4.1.8 26th July Fireworks re: diversi talbiet. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għat-talbiet kollha.

4.1.9 Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali re: Wifi. Il-Kunsill qabel.

5.0 Item 5: Rapporti

5.1 Ma kien hemm ebda rapport għad-diskussjoni.

6.0 Item 6: Skeda ta' pagamenti (approvazzjoni)

6.1 L-iskeda għal *cheque payments* (17 ta' Ġunju 2009 sas-7 ta' Lulju 2009) tqassmet lill-Kunsilliera kollha u ġiet approvata. L-iskeda ġiet iffirmata mis-Sinjuri Bugeja u Formosa. Ir-rifużjoni tad-default notice tingħata mall-pagamenti li jmiss.

7.0 Item 7: Ilmenti

7.1 Il-Kunsill tratta dawn l-ilmenti:

(48) Il-Kunsill qabel li joħroġ works order lil Montebello Marble Works.
(49) Il-Kunsill ma qabilx.
(50) Il-Kunsill innota li f'dan it-tip ta' każijiet, min għamel l-ilment stess irid jirraporta lill-Awtorita tad-Djar u lid-Dipartiment tal-Artijiet peress li l-Kunsill jiġi 3rd party.
(51) Il-Kunsill ma qabilx.
(52) Il-Kunsill innota li diġa inkitbet ittra żmien ilu u allura qabel li tinbagħat reminder.
(53) Il-Kunsill qabel li joħroġ works order lil Central Asphalt Ltd.
(54) Il-Kunsill ma qabilx.
(55) Il-Kunsill qabel li jirriferi l-każ lill-MEPA.
(56) Il-Kunsill ma qabilx.
(57) Il-Kunsill qabel li jikteb ittra.
(58) Il-Kunsill ma qabilx.

7.2 Il-Kunsill qabel ukoll li tiniteb ittra lir-residenti ta' Triq San Pawl minħabba li xi ħadd qed joħroġ boroż bi ħmieġ tal-annimali meta jista faċilment jarmiha fl-iskip ftit metri l-isfel.

8.0 Item 8: Mozzjonijiet

8.1 Peress li f'dan l-istadju s-Sur Anastasi ma kienx preżenti fil-laqgħa u ma kien hemm ebda Kunsillier li ppreżenta l-mozzjoni minfloku, il-Kunsill qabel li jitratta din il-mozzjoni f'laqgħa oħra.

9.0 Item 9: Ordnijiet tal-Ġurnata

*9.1 Festa Titulari*

Is-Sindku qalet li r-riċeviment tal-festa organizzat mill-Kunsill se jsir nhar l-Erbgħa 22 ta' Lulju 2009 fi Ġnien Romeo Romano mit-8pm 'l quddiem.

Il-Kunsill qabel li jordna bukkett fjuri għall-quddiem l-istatwa titulari. Qabel ukoll li jħallas għal bukkett simili għall-quddiem l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu ta' Fleur de Lys.

Il-Kunsill qabel li jipprovdi mobile toilets bħas-sena l-oħra jew skond il-ħtieġa.

Il-Kunsill qabel ukoll li jorganizza l-laqgħa bejn l-għaqdiet tal-festa u l-Pulizija.

10.0 Item 10: Aġġornament

10.1 Is-Sindku irriferiet għall-ittra lill-editur li deheret fuq il-ġurnal 'In-Nazzjon' tal-llum fuq il-kodiċi postali ta' fuq l-ismijiet tat-toroq li ġew mgħottija fl-amministratzzjoni preċedenti u baqgħu hekk anke f'din l-amministrazzjoni. Il-Kunsill innota li kull triq fiha aktar minn kodiċi postali wieħed allura mhux prattiku li jitniżżlu l-kodiċi postali. Għaldaqstant, il-Kunsill se jirrispondi f'dan is-sens.

10.2 Il-Kunsill innota li ħames membri mis-sitta li kienu għadhom iservi fil-Kumitat Ġieħ Santa Venera (għax aktar kmieni kien irriżenja s-Sur Charles Cachia) skadilhom it-terminu massimu tagħhom. Minkejja li s-Sinjura Evelyn Farrugia tibqa l-unika membru li tista isservi fil-Kumitat li jmiss, il-Kunsill qabel li jxolji l-Kumitat u jaħtar Kumitat ġdid.
Is-Sindku pproponiet li Kumitat ġdid għandu jservi biss sat-tmien ta' kull leġislatura tal-Kunsill allura klawsola 8.4 tal-Linji Gwida tiġi mibdula kif ġej:

"Il-persuni li jiffurmaw dan il-Kumitat ikunu nominati mill-Kunsill u jibqgħu f'din il-kariga sat-terminu tal-leġislatura tal-Kunsill " .

Din il-proposta ġiet sekondata mis-Sur Sultana. Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku ipproponiet lis-Sur Charles Scerri ta' 6, Triq Zonqor bħala Chairman il-ġdid ta' dan il-Kumitat imbagħad il-membri l-oħra jiġu komunikati lill-Kunsill aktar tard. Qalet ukoll li s-Segretarju tal-Kumitat għandu jintgħażel mill-membri stess u dan wara li aktar kmieni din is-sena, is-Segretarju Eżekuttiv kien irreżenja minn dan il-Kumitat.

Din il-proposta ġiet sekondata mis-Sur Sultana. Il-Kunsill qabel unanimament.

Il-Kunsill qabel ukoll li l-membri kollha li servew fuq dan il-Kumitat jingħataw rikonoxximent żgħir.

10.3 Il-Kunsill innota li resident minn Triq San Ġorġ għamel trinka fit-triq b'konsegwenza li għamel ħsara. Il-Kunsill qabel li l-każ għandu jkun riferut lill-Pulizija u r-resident konċernat għandu jintalab iħallas għall-ħsara li għamel fuq il-proprjeta pubblika.

10.4 Is-Sur Formosa tkellem dwar lampa fi Triq il-Kbira San Ġużepp (fejn Mike's Aluminium) li ilha żmien twil mitfija.

10.5 Il-laqgha intemmet fit-8:15pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 25 ta' Awissu 2009 fis-6pm b'aġenda tkun komunikata aktar tard.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Cassar | Ikkonfermati | Elizabeth Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | 25 ta' Awissu 2009 | Chairperson |